MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 233/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**DARREN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Darren Camilleri ta' 19- il sena, bin Anthony u Carmen nee' Formosa, mwieled Pieta' nhar it- 22 ta' Marzu 1989, residenti fil- fond Morning Dew, Nru. 6, Triq il- Markiza, Gudja u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 150789(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli:

1) nhar it- 30 ta’ Gunju 2008 u/ jew fil- gimghat ta qabel din id- data f’diversi lokalitajiet madwar Malta b’qerq, fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

2) kif ukoll talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta’ operator postali, agixxa bi ksur tad- dikjarazzjoni bil- gurament li saret skond id- dispozizzjoni tal- Artikolu 30, tal- Kapitolu 254 tal- Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Mill-istqarrija tal-imputat irrisulta li hu kien waqaf mix-xoghol minn jeddu nhar is-Sibt, 28 ta’ Gunju, 2008, izda qabel ma telaq halla madwar elf ittra u oggetti ohra mhux imqassmin, u xi 400 magazine mhux imqassmin, u ma avza lil hadd bihom wara li spicca. Dan l-agir traskurat u rresponsabbli wassal biex il-Maltapost kellha tassumi r-responsabbilta’ hi ta’ dan in-nuqqas tal-imputat, li wara fehem u accetta li zbalja. In vista tal-eta’ tenera u tal-

fedina penali ghal kollox netta, u tal-ammissjoni bikrija, il-Qorti ma tarax li ghandha taghti piena tal-multa jew ta' prigunerija, izda sejra tapplika sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 30, 74 u 75 tal- Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------